QORTI KRIMINALI

IMHALLEF

ONOR. DOTTOR JOSEPH G. GALEA DEBONO B.A. , LL.D.

ATT TA' AKKUZA NRU. 8/2000

IR-REPUBBLIKA TA' MALTA .

VS.

DEAN JOSEPH FALZON, AARON FALZON, DANIELA ANASTASI U VERONICA LEE SAPIANO.

SEDUTA TAL-HAMIS , 6 TA' GUNJU, 2002.

Il-Qorti ,

Rat l-akkuza numru 8/2000 kontra l-Erbgha akkuzati ;

Rat is-sentenza preliminari taghha diversament preseduta tat-30 ta' Gunju, 2000;

Rat l-atti tal-appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali

Rat il-verbal redatt quddiem l-istess Qorti tal-Appell Kriminali fit-30 ta' Mejju, 2002 minn Dottor Joseph Brincat ghan-nom tal-akkuzati Daniela Anastasi u Dean Joseph Falzon li biha dawn cedew l-appell u l-adezjoni mall-istess verbal ta' Dr. Ian Farrugia u Dr. Michael Schriha kif ukoll in-noti ta' cessjoni tal-appellanti Veronica Lee Sapiano u Aaron Falzon , li wasslu biex dik il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dak l-appell in kwantu jirrigwarda l-appellanti kollha ; u ordnat li l-atti jigu rinvijati lil din il-Qorti ghall-kontinwazzjoni u ghall-esegwiment tal-istess verbal .

Rat l-ordni gdid moghti mill-Avukat Generali fil- 5 ta' Gunju, 2002 u prezentat quddiem din il-Qorti fis-seduta tal-lum ;

Rat li l-erba akkuzati taw il-kunsens taghhom seduta stante biex il-kaz taghhom jigi trattat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ;

Rat l-artikolu 120A (2c) tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kap.31 tal-Ligijiet ta' Malta , kif emendat bl-artikolu 159 tal-Att III tal-2002 ), kif ukoll

l-artikolu 31 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta kif emendat bl-art. 162 tal-Att III tal-2002 ;)

U in vista tal-premess , tordna lir-Registratur ta' din il-Qorti li jara li l-inkartament kollu ta' dan il-process jintbaghat lil Qorti tal-Magistrati u jara li kopja ta' l-ordni tal-Avukat Generali tigi notifikata lill-Kummissarju tal-Pulizija skond il-ligi.

(ft) J. G. Galea Debono,
Imhallef.

Paul Miruzzi
Dep. Registratur